# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 42**

**Rikors numru 235/14/2 AE**

**HSBC Bank Malta plc**

**v.**

**Joseph Portelli u martu Doris Portelli u Carmen Portelli**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konjuġi Joseph u Doris Portelli kontra s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-7 ta' Ottubru, 2016, fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom u għaddiet sabiex laqgħat it-talbiet tal-attur.

**Daħla**

2. B'rikors ġuramentat imressaq fil-21 ta' Marzu, 2014, HSBC Bank Malta plc fisser illi:

a. Permezz ta' *kuntratt datat 13 ta' Ġunju, 1992,* fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Lia, il-Bank attur ta faċilitajiet bankarji lill-kumpanija Pirella Supermarkets Limited (C13427) konsistenti f'*overdraft facility* għas-somma ta' Lm70,000 (ekwivalenti għal €163,056.14). Fl-istess kuntratt, il-konvenuti kollha, ikkostitwew rwieħhom garanti solidali mal-kumpanija debitriċi prinċipali favur il-Bank attur għall-ħlas tas-somma kapitali inkluż l-imgħax;

b. Permezz ta' *kuntratt datat is-27 ta' Novembru, 1993,* fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Lia, il-Bank attur ta faċilitajiet bankarji addizzjonali lill-kumpanija Pirella Supermarkets Limited billi żied l-*overdraft facility* b'Lm100,000 oħra, u għalhekk l-*overdraft facility* kien għas-somma globali ta' Lm170,000 (ekwivalenti għal €395,993.48). Fl-istess kuntratt, il-konvenuti kollha, ikkostitwew rwieħhom garanti solidali mal-kumpanija debitriċi prinċipali favur il-Bank attur għall-ħlas tas-somma kapitali kif miżjuda u l-imgħax;

c. Permezz ta' *kuntratt datat is-6 ta' Ġunju, 1996*, fl-atti tan-Nutar

Dr Pierre Cassar, il-Bank attur ta faċilitajiet bankarji addizzjonali oħra billi żied l-*overdraft facility* b'Lm240,000 oħra, u għalhekk l-*overdraft facility* kien għas-somma globali ta' Lm410,000 (ekwivalenti għal €955,043.09). Fl-istess kuntratt u fir-rigward tas-somma addizzjonali, kienu biss il-konvenuti konjuġi Joseph u Doris Portelli li kkostitwew rwieħhom garanti solidali mal-kumpanija debitriċi pinċipali favur il-Bank attur;

d. Permezz ta' *kuntratt datat it-28 ta' Jannar, 2002,* fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar, il-kumpanija Pirella Supermarkets Limited ikkostitwiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi tal-Bank attur fl-ammont ta' Lm994,987.77 (ekwivalenti għal €2,317,698.04), rappreżentanti Lm970,960.30 (ekwivalenti għal €2,261,729.09) bħala kapital u Lm24,027.47 (ekwivalenti għal €55,968.95) bħala imgħax ikkalkulat sad-data tal-istess kuntratt. Magħdud ma' dan u fl-istess kuntratt, Joseph Portelli, Doris Portelli u l-kumpanija Pirella Limited ikkostitwew rwieħhom garanti solidali mal-kumpanija debitriċi;

e. Permezz ta' *żewġ ittri uffiċjali datati 18 ta' Mejju, 2010*, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ġie reż eżekuttiv kontra Pirella Supermarkets bħala debitriċi prinċipali, kif ukoll kontra Joseph u Doris Portelli bħala garanti solidali;

3. Minkejja l-interpellazzjoni sabiex il-konvenuti jersqu għall-ħlas, jingħad li l-kapital għadu dovut sal-lum. Għalhekk il-konvenuti Joseph u Doris Portelli huma debituri tal-Bank attur bħala garanti solidali flimkien mal-kumpanija debitriċi prinċipali fis-somma ta': (i) €2,261,729.09 bħala kapital, (ii) €1,312,546.95 bħala imgħax ikkalkulat sat-30 ta' Settembru, 2013 u, (iii) l-i relattiv mill-1 ta' Ottubru, 2013 sad-data tal-pagament effettiv. Min-naħa l-oħra jingħad li, il-konvenuta Carmen Portelli, hija debitriċi tal-Bank bħala garanti solidali mal-kumpanija debitriċi prinċipali fis-somma ta': (i) €395,993.48 bħala kapital, (ii) €2,375.96 bħala imgħax ikkalkulat sas-17 ta' Frar, 2014 u, (iii) l-imgħax relativ mit-18 ta' Frar, 2014 sad-data tal-ħlas effettiv.

4. Fid-dawl ta' dan, il-Bank attur talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«(i) Tiddikjara li l-konvenuti Joseph u Doris konjugi Portelli huma debituri tal-Bank attur bhala garanti solidali mal-kumpannija Pirella Supermarkets Limited fis-somma ta' zewg miljuni, mitejn u wiehed u sittin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin euro u disa' centezmi (€2,261,729.09) bhala kapital u fis-somma ta' miljun, tliet mija u tnax-il elf, hames mija u sitta u erbghin euro u hamsa u disghin centezmu (€1,312,546.95) bhala imghax ikkalkulat sat-30 ta' Settembru, 2013, bl-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2013 sad-data talpagament effettiv;*
>
> *(ii) Tiddikjara li l-konvenuta Carmen Portelli hija debitrici tal-Bank attur bhala garanti solidali mal-kumpannija Pirella Supermarkets Limited fis-somma ta' tliet mija u hamsa u disghin elf, disa' mija u tlieta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€395,993.48) bhala kapital u fis-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmu (€2,375.96) bhala imghax ikkalkulat sas-17 ta' Frar 2014, bl-imghax ulterjuri mit-18 ta' Frar 2014 sad-data tal-pagament effettiv;*
>
> *(iii) Tikkundanna lill-konvenuti Joseph u Doris konjugi Portelli, bhala garanti solidali malkumpannija Pirella Supermarkets Limited sabiex ihallsu lill-Bank attur, solidalment bejniethom l-imsemmija somma ta'*

*zewg miljuni, mitejn u wiehed u sittin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin euro u disa' centezmi (€2,261,729.09) bhala kapital kif fuq spjegat, u inoltre' biex ihallsu wkoll lill-Bank attur is-somma ta' miljun, tliet mija u tnax-il elf, hames mija u sitta u erbghin euro u hamsa u disghin centezmu (€1,312,546.95) bhala imghax ikkalkulat sat-30 ta' Settembru 2013, bl-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv;*

*(iv) Tikkundanna lill-konvenuta Carmen Portelli, bhala garanti solidali mal-kumpannija Pirella Supermarkets Limited sabiex thallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' tliet mija u hamsa u disghin elf, disa' mija u tlieta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€395,993.48) bhala kapital u inoltre' biex thallas ukoll lill-Bank attur is-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmu (€2,375.96) bhala imghax ikkalkulat sas-17 ta' Frar 2014, bl-imghax ulterjuri mit-18 ta' Frar 2014 sad-data talpagament effettiv, kif fuq spjegat;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju 2010 u l-imghax legali kif fuq mitlub, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.»*

5. Il-konvenuti Portelli ppreżentaw ir-risposta tagħhom fil-11 ta' April, 2014, fejn eċċepew illi: (i) l-kawża saret bla bżonn peress li l-Bank attur għandu titolu eżekuttiv, (ii) Carmen Portelli inħelset mill-garanzija b'novazzjoni bis-saħħa tal-kuntratt tat-28 ta' Jannar, 2002, (iii) saret novazzjoni bil-ftehim tal-14 ta' April, 2004, (iv) il-konvenuti għandhom jinħelsu mill-garanzija b'applikazzjoni tal-**Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili**, (v) il-ħelsien tal-garanzija sar mingħajr il-kunsens tal-konvenuti u għalhekk għandu japplika l-**Artikolu 1960 tal-Kodiċi Ċivili**, (vi) preskrizzjoni fuq l-imgħax fit-termini tal-**Artikolu 2156(d) tal-Kodiċi Ċivili**, u (vii) għandha ssir il-prova mill-Bank attur li l-ammont pretiż hu dovut.

6. B'sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2016, l-

eċċezzjonijiet tal-konvenuti ġew miċħuda, bil-konsegwenza li t-talbiet tal-Bank attur intlaqgħu. Is-siltiet l-aktar rilevanti ta' din is-sentenza huma dawn:

> *«1. Pretensjoni fil-konfront tal-konjuġi Portelli.*
>
> ***L-ewwel eċċezzjoni.***
>
> *Il-konjuġi Portelli iddikjaraw li fil-konfront tagħhom il-bank għandu titolu eżekuttiv, u għalhekk isostnu li l-kawża saret bla bżonn.*
>
> *F'kuntratt pubbliku ffirmat fit-28 ta' Jannar, 2002 u pubblikat min-Nutar Dr Pierre Cassar, jingħad:*
>
>> *«Now therefore by virtue of this deed the company[1] constitutes itself real, certain and liquid debtor in favour of the Bank which accepts in the sum of*
>>
>> *nine hundred and seventy thousand nine hundred and sixty lira thirty cents (Lm970,960.30) by way of capital and twenty four thousand and twenty seven lira forty seven cents (Lm24,027.47) by way of debt accrued interest to date with regards to the overdraft account; and*
>>
>> *thirty thousand and twenty five lira ninety one cents (Lm30,025.91) by way of capital and seven hundred and thirty nine lira ninety four cents (Lm739.94) by way of debt interest accrued to date with regards to the loan account.»*
>
> *Fuq l-att deheru wkoll il-konjuġi Portelli u Pirella Limited bħala garanti u jingħad:*
>
>> *«Moreover in order to better secure the payment of the capital and the payment of interest and the faithful performance of the obligations assumed by the company on this deed the sureties constitute themselves joint and several sureties with the company and secures this suretyship…..»*
>
> *Il-kuntratt hu titolu eżekuttiv. Fatt magħruf għall-bank tant li fit-18 ta' Mejju, 2010 ippreżenta ittra uffiċċjali kontra l-konjuġi Portelli sabiex irrendi l-imsemmi kuntratt eżegwibbli (fol. 28)[2]. Il-bank jaċċetta li għandu titolu eżekuttiv kontra l-konjuġi Portelli (ara paragrafu 3.1.2 tan-nota ta' sottomissjonijiet). F'dan il-każ ma kienx hemm ħtieġa sabiex jiġi ddikjarat li d-debitur iddekada mill-benefiċċju tat-terminu, ġaladarba fil-kuntratt ma jissemmiex terminu li fih kellu jsir il-ħlas. Għalhekk il-ħlas kien dovut minnufih. Il-bank isostni li huwa ħarrek lill-*

---

[1] Pirella Supermarkets Limited.

[2] Fl-ittra ufficjali l-bank gharraf lill-konvenuti li jekk ma jhallsux *"…. ser jittiehdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra taghkom in ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tieghu minghajr ebda pre-avviz iehor."*

*konvenuti minħabba li hemm ġurisprudenza li ssostni li f'każ li l-ammont pretiż ikun qiegħed jiġi kkontestat, hemm ħtieġa li l-kreditur iħarrek lid-debitur. F'dan ir-rigward għamel riferenza għall-kawża* ***Lombard Bank Malta plc vs Eurimpex Ltd et****, deċiża mill-Prim'Awla fis-7 ta' Ottubru, 2005, fejn il-Qorti qalet li l-bank kien ġustifikat li jħarrek lid-debitur ladarba kien hemm kontestazzjoni dwar il-quantum tal-kapital u imgħax.*

*Fit-tweġiba, il-konjuġi Portelli jsostnu li m'humiex debituri tal-bank għaliex:*

> *i. Bi ftehim tal-14 ta' April, 2004 li sar bejn l-attur u Pirella Supermarkets Limited, huma nħelsu mill-garanzija għaliex dak il-ftehim ta lok għal novazzjoni;*
>
> *ii. Huma għandhom jinħelsu mill-garanzija ai termini tal-****Artikolu 1959 tal-Kodici Ċivili*** *peress li l-bank irriduċa u ħassar l-ipoteki tiegħu kontra Pirella Limited, li kienet garanti oħra parti fuq il-kuntratt tat-28 ta' Jannar, 2002.*
>
> *iii. Il-konvenuti ma tawx il-kunsens tagħhom għall-ħelsien ta' Pirella Limited, kif jeżiġi l-****Artikolu 1960 tal-Kodiċi Ċivili****.*
>
> *iv. It-talba għall-ħlas ta' imgħax hi preskritta skond l-****Artikolu 2156(d) tal-Kodiċi Ċivili****.*

*Ladarba l-konjuġi Portelli jikkontestaw li huma debituri tal-bank, il-qorti ma tistgħax taqbel li l-kawża saret inutilment. L-argumenti li pproponew il-konvenuti, b'mod partikolari eċċezzjonijiet numru 4 u 5 huma eċċezzjonijiet fil-meritu li għandhom jiġu trattati u deċiżi f'kawża u mhux fil-proċedura kontemplata fl-****Artikolu 258 tal-Kap. 12*** *li hi proċedura partikolari.*

*(…)*

***Raba' eċċezzjoni – il-konjuġi Portelli għandhom jinħelsu mill-garanzija b'applikazzjoni tal-Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili.***

***L-Artikolu 1959*** *jipprovdi:*

> *«Il-garanti, ukoll jekk obbligat in solidum, huwa meħlus jekk is-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileġġi tal-kreditur ma tkunx tista' ssir favur tiegħu bi ħtija tal-kreditur.»*

*Min iħallas dejn ta' ħaddieħor, jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur permezz ta' konvenzjoni jew b'disposizzjoni tal-liġi (****Artikolu 1164 tal-Kodiċi Ċivili****). Skont l-****Artikolu 1945 tal-Kodiċi Ċivili****:*

> *«Il-garanti li jħallas id-dejn, jidħol ipso jure fil-jeddijiet kollha li l-kreditur kellu kontra d-debitur; bla ħsara ta' dak li jingħad fl-****Artikolu 1167*** *jekk*

*mid-dejn tkun thallset bicca biss.»'*[3]

*L-ilment tal-konjuġi Portelli hu li:*

> *«….il-Bank ikkanċella l-ipoteki mogħtija lilu fuq din il-proprjeta' u rrilaxxa lill-istess kumpannija Pirella Limited mill-fidejussjoni tagħha. Dan kollu jirriżulta ċar kemm mill-kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 204 riċevut min-nutar Pierre Cassar, u kemm mill-iskrizzjonijiet eżebiti a fol. 85 et sequens».*[4]

*Jirriżulta:*

*i. Fil-kuntratt tat-28 ta' Jannar, 2002, deheret ukoll Pirella Limited u flimkien mal-konjuġi Portelli kkostitwiet ruħha garanti flimkien mal-konjuġi Portelli għad-dejn ta' Pirella Supermarkets Limited. Pirella Limited tat ukoll ipoteka speċjali fuq żewġ proprjetajiet.*

*ii. B'kuntratt tas-16 ta' Gunju, 2005 (fol. 60), il-bank kien ta l-kunsens tiegħu sabiex Pirella Limited ma tibqax garanti solidali tas-soċjeta' attriċi*[5]*. B'dak l-att Pirella Limited biegħet id-dar Pirella, Triq Sant Elija, Fgura li fuqha kien hemm ipoteka speċjali bis-saħħa tal-att pubblikat fit-28 ta' Jannar, 2002. Għal Pirella Limited deher il-konvenut Joseph Portelli.*

*Għaldaqstant, il-liberazzjoni ta' Pirella Limited bħala garanti saret bil-kunsens ta' Joseph Portelli. Hu veru li Joseph Portelli ma ffirmax il-kuntratt f'ismu personali. Madankollu kien preżenti u ffirmah. Għalhekk kien infurmat b'dak kollu li kien qiegħed jiġri. Li kieku bħala garanti ma kienx jaqbel ma' dak li sar, kien jirrifjuta li jiffirma l-kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 2005. Mingħajr il-firma tiegħu ma seta' jsir xejn. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-bank ħeles lill-Pirella Limited mhux fuq inizjattiva personali tiegħu jew bi żball, iżda fuq talba ta' Joseph Portelli. Li s-surroga ma tkunx tista' ssir favur garanti «bi ħtija tal-kreditur», tfisser negligenza jew att illeċitu tal-kreditur. Ċirkostanzi li żgur li ma jeżistux fil-konfront tal-konjuġi Portelli. Pirella Supermarkets Limited u Pirella Limited huma kumpanniji ta' Joseph Portelli u għalhekk dak li għamel Portelli kien fl-interess tiegħu, ta' martu u tal-kumpanniji tiegħu.*

*F'kull każ hi l-fehma tal-Qorti li l-**Artikolu 1959** japplika fir-rigward tal-jeddijiet, ipoteki u privileġġi li għandu l-kreditur kontra d-debitur (Pirella Supermarkets Limited). Il-Qorti tibbaża dan ir-raġunament fuq il-konsiderazzjoni li:*

*i. l-**Artikolu 1959** jipprovdi: «Il-garanti, ukoll jekk obbligat in solidum….» Garanti jkun obbligat in solidum mad-debitur prinċipali.*

---

[3] Id-disposizzjoni ma tghidx "fil-jeddijiet kollha li l-kreditur kellu kontra d-debitur u garanti".
[4] Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti (ara fol. 199).
[5] Fuq l-att ta' Jannar 2002, Pirella Limited iggarantiet id-dejn flimkien mal-konjugi Portelli.

*ii. Taqbel perfettament ma' dak li ngħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża* ***Alfred Tonna vs Calcedonio Fava et*** *tal-25 ta' Ottubru, 1941 (Vol. XXXI.iii.196) fejn inghad: «Il-fundament ta' din id-disposizzjoni (****Art. 1959****) hu li l-garanti, kemm-il darba jkollu jħallas għad-debitur, jaf illi jkollu s-surrogazzjoni tad-drittijiet tal-kreditur kontra d-debitur. U għalhekk huwa jaf illi meta ppresta l-garanzija ħa konsiderazzjoni tad-drittijiet li l-kreditur kellu kontra d-debitur, li fihom jiġi surrogat fil-każ illi jkun konstrett iħallas għalih.»*

*iii. F'każ fejn hemm kogaranti, m'huwiex loġiku li fejn per eżempju l-kreditur jikkanċella ipoteka fil-konfront ta' wieħed mill-garanti, il-garanti l-ieħor jippretendi li jinħeles mill-garanzija billi jinvoka l-****Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili****. Dan meta tqies li skont l-****Artikolu 1949****[6] meta tnejn min-nies jew iktar ikunu garanti tal-istess debitur u għall-istess dejn, il-garanti li jħallas id-dejn għandu l-azzjoni ta' regress kontra l-garanti l-oħra għas-sehem li kull wieħed għandu jħallas u xejn iktar. L-istess fil-każ ta' surroga favur wieħed mill-kogaranti. Għalhekk f'dan ix-xenarju il-garanti li jħallas, l-iktar li kien ikollu dritt jirkupra mingħand il-garanti li kellu l-ipoteka kanċellata mill-kreditur, kien is-sehem ta' dak il-garanti u xejn iktar. Ma jagħmilx sens li f'xenarju bhal dak il-garanti jinħeles għal kollox.*

***Ħames eċċezzjoni – il-ħelsien tal-garanzija sar mingħajr il-kunsens tal-konvenuti, u għalhekk japplika l-Artikolu 1960 tal-Kodiċi Ċivili.***

*L-****Artikolu 1960 tal-Kodiċi Ċivili*** *jipprovdi:*

> *«Jekk il-kreditur jeħles wieħed mill-garanti tiegħu mingħajr il-kunsens tal-oħrajn, dan il-ħelsien jiswa lill-garanti l-oħra sas-sehem tal-garanti li jkun ġie hekk meħlus."*

*Bil-kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 2005, il-bank ħeles wieħed mill-garanti tiegħu. Ladarba l-Qorti diġa' kkonkludiet li dan seħħ bil-kunsens tal-konjugi Portelli, li m'għandhiex iktar x'iżżid ma' dak li diġa' qalet fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni.*

***Is-sitt eċċezzjoni – preskrizzjoni fuq l-imgħax.***

*L-****Artikolu 2156(d)*** *jipprovdi li «l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom mehuda b'self jew taħt titolu ieħor…», jaqgħu bi preskrizzjoni ta' ħames snin. Mill-provi rriżulta li:*

*i. Fl-4 ta' Dicembru, 2009 sar pagament ta' €20,000, li ġie mputat għall-imghax.*

*ii. Fit-18 ta' Mejju, 2010 il-bank ippreżenta ittra uffiċċjali kontra l-*

[6] *"(1) Meta zewg persuni jew izjed ikunu dahlu garanti ta' l-istess debitur u ghall-istess dejn, il-garanti li jhallas id-dejn ghandu jedd idur kontra dawk l-ohra li jkunu garanti mieghu, kull wiehed minnhom ghas-sehem tieghu."*

*konjuġi Portelli, li ġiet notifikata fl-24 ta' Mejju, 2010 (fol. 28).*

*iii. Fil-21 ta' Marzu, 2014 il-bank ippreżenta l-kawża.*

*Żgur għalhekk li l-azzjoni għall-imgħax m'hijiex preskritta fil-konfront tal-konjuġi Portelli.*

*(…)*

*Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi:-*

*1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-konvenuti.*

*2. Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.*

*3. Tilqa' l-ewwel u tielet talbiet tas-soċjeta' attriċi, u għaldaqstant tikkundanna lill-konjuġi Portelli jħallsu s-somma ta' żewġ miljuni, mitejn u wieħed u sittin elf, seba' mija u disgħa u għoxrin euro u disa' ċenteżmi (€2,261,729.09) bħala kapital, u s-somma ta' miljun, tliet mija u tnax-il elf, ħames mija u sitta u erbgħin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,312,546.95) bħala imgħax ikkalkulat sat-30 ta' Settembru, 2013, bl-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.*

*4. Tilqa' t-tieni u raba' talbiet tas-soċjeta' attriċi, u għaldaqstant tikkundanna lill-konvenuta Carmen Portelli sabiex bħala garanti solidali tħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsa u disgħin elf, disa' mija u tlieta u disgħin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€395,993.48) bħala kapital u kif ukoll is-somma ta' elfejn, tlett mija u ħamsa u sebgħin euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€2,375.96) bħala imgħax ikkalkulat sas-17 ta' Frar, 2014, bl-imgħax ulterjuri mit-18 ta' Frar 2014 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Spejjeż a karigu tal-konjuġi Portelli, b'dan li l-ispejjeż ta' Carmen Portelli u tat-tielet u raba' talba huma a karigu tagħha.»*

7. Il-konvenuta Carmen Portelli, appellat minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat is-26 ta' Ottubru, 2016, fejn talbet:

*«tilqa' dan l-umli appell u konsegwentament tvarja, tbiddel u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***HSBC Bank Malta plc v. Joseph Portelli u martu Doris Portelli u Carmen Portelli*** *(Rikors Maħluf Numru 235/2014 AE) fis-7 ta' Ottubru, 2016 billi:*

*i. Tikkonfermaha in kwantu jinsabu akkolti l-ewwel u t-tielet talbiet attriċi, u in kwantu l-konvenuti konjuġi Portelli ġew akkolti l-ispejjeż kollha salv dawk ta' l-appellanti;*

*ii. Tirrevokaha, tħassarha u tikkanċellaha fil-kumplament tagħha, u minnflok tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-esponenti u tiċħad it-tieni u r-raba' talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-Bank attur.»*

Madankollu, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2021, dan l-appell ġie ddikjarat deżert peress li minkejja li Carmen Portelli ġiet notifikata bl-avviż tas-smigħ u l-kawtela nhar it-13 ta' Settembru, 2021, hija xorta waħda naqset milli tħallas il-kawtela.

8. Il-konvenuti konjuġi Portelli, ukoll appellaw minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat is-26 ta' Ottubru, 2016, fejn talbu lil din il-Qorti:

*«tilqa' dan l-umli appell u konsegwentament tvarja, tbiddel u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***HSBC Bank Malta plc v. Joseph Portelli u martu Doris Portelli u Carmen Portelli*** *(Rikors Maħluf Numru 235/2014 AE) fis-7 ta' Ottubru, 2016 billi:*

*i. Tikkonfermaha in kwantu jinsabu akkolti t-tieni u r-raba' talbiet attriċi, u in kwantu l-konvenuta Carmen Portelli ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż kif imsemmi fis-sentenza appellata;*

*ii. Tirrevokaha, tħassarha u tikkanċellaha fil-kumplament tagħha, u minnflok tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-esponenti u tiċħad l-ewwel u t-tielet talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-Bank attur.»*

9. Il-Bank attur ġie debitament notifikat bir-rikors ta' appell tal-konjuġi Portelli fl-1 ta' Novembru, 2016, u wieġeb għalih b'risposta datata l-21 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad dan l-appell.

10. Inżamm smigħ fit-12 ta' Ottubru, 2021, fid-9 ta' Novembru, 2021, fit-22 ta' Frar, 2022, fil-15 ta' Marzu, 2022, fis-26 ta' April, 2022, fl-14 ta'

Ġunju, 2022, fil-21 ta' Ġunju, 2022, fil-25 ta' Ottubru, 2022, il-15 ta' Novembru, 2022, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. L-Ewwel Qorti rat illi l-kwistjoni hija li l-bank attur ħarrek: (i) lill-konjuġi Portelli bħala garanti ta' Pirella Supermarkets Limited għas-somma ta' €2,261,729.09 bħala kapital u €1,312,546.95 bħala imgħax kalkolat sat-30 ta' Settembru, 2013, u (ii) lill-konvenuta l-oħra Carmen Portelli bħala garanti ta' Pirella Supermarkets Limited għas-somma ta' €395,993.48 bħala kapital u €2,375.96 bħala imgħax ikkalkolat sas-17 ta' Frar, 2014. Fir-rigward tal-pretensjoni fil-konfront tal-konjuġi Portelli, l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi l-eċċezzjonijiet mqajma mill-konvenuti ma humiex fondati u mhux mistħoqqa, bil-konsegwenza li kkundannathom iħallsu s-somma pretiża mill-Bank attur kemm f'kapital kif ukoll f'imgħax, u dan apparti l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2013, sad-data tal-pagament effettiv.

12. Fid-dawl ta' dan, il-konjuġi Portelli, *qua* appellanti, qegħdin iressqu l-appell in eżami, fejn jikkontendu illi jħossuhom aggravati bis-sentenza appellata u b'hekk qajmu erba' (4) aggravji:

a. L-applikazzjoni ħażina tal-**Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili**;

b. L-applikazzjoni ħażina tal-**Artikolu 1960 tal-Kodiċi Ċivili**;

c. L-applikazzjoni ħażina tal-**Artikolu 2156(d) tal-Kodiċi Ċivili**;

d. Kawża li saret inutilment, fid-dawl tal-fatt illi l-Bank attur diġà kellu f'idejh titolu eżekuttiv fil-konfront tal-konjuġi Portelli.

13. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, dan jitratta n-nuqqas ta' applikazzjoni b'mod korrett mill-Ewwel Qorti tal-**Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili**, u dan ġaladarba l-konjuġi Portelli fir-risposta maħlufa tagħhom qajmu dik l-hekk imsejħa l-*eccezzione di surrogazione*. Dan l-artikolu tal-liġi jistipula li *«Il-garanti, ukoll jekk obbligat in solidum, huwa meħlus jekk is-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileġġi tal-kreditur ma tkunx tista' ssir favur tiegħu bi ħtija tal-kreditur.»*

14. Din il-Qorti tara illi, fil-fehma tal-Ewwel Qorti, il-liberazzjoni ta' Pirella Limited bħala garanti saret bil-kunsens ta' Joseph Portelli u dan minkejja li dan tal-aħħar ma ffirmax il-kuntratt f'ismu personali. Fid-dawl ta' dan, hija kienet konvinta li Joseph Portelli kien infurmat b'dak kollu li kien qed jiġri peress li Pirella Supermarkets Limited (debitriċi prinċipali) u Pirella Limited (li kienet qiegħda sservi bħala garanti) kienu t-tnejn

jappartjenu lil Joseph Portelli, u għalhekk il-Bank attur ħeles lill-Pirella Limited mill-garanzja mogħtija minnha mhux fuq inizjattiva tiegħu stess jew bi żball, iżda fuq talba ta' Joseph Portelli stess. Magħdud ma' dan, u f'kull każ, l-Ewwel Qorti tara li l-**Artikolu 1959** japplika fir-rigward tal-jeddijiet, ipoteki u privileġġi li għandu l-kreditur kontra d-debitur.

15. Il-konjuġi Portelli, permezz ta' dan l-aggravju jgħidu li ma qablux mar-raġunament tal-Ewwel Qorti u jikkontendu illi t-tweġiba għall-eċċezzjoni mqajma minnhom, tinsab f'eżami tad-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw il-jedd ta' surroga spettanti lill-garanti li jħallas, b'dana illi jagħmlu referenza għall-**Artikoli 1166(ċ) u 1167 tal-Kodiċi Ċivili** dwar is-surroga b'riżultat ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, il-Bank appellat jikkontesta dak li saħqu dwaru l-konjuġi Portelli, u jikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li fir-rilaxx ta' Pirella Limited bħala garanti, ma kien hemm l-ebda negliġenza jew att illeċitu min-naħa tiegħu.

16. Stabbilit il-premess, din il-Qorti tara illi fl-ewwel lok irid jiġi stabbilit x'inhuma r-rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti sabiex tirnexxi eċċezzjoni ta' din in-natura. Dawn ir-rekwiżiti huma tlieta (3):

a. Il-konvenut irid ikun garanti fit-termini tal-**Artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili**, fis-sens illi intrabat lejn il-kreditur bl-intiża li jissodisfa l-

obbligazzjoni tal-ieħor li ma jkunx issodisfa tali obbligazzjoni huwa stess;

b. Irid ikun hemm it-telf tal-jeddijiet, ipoteki u privileġġi li jkunu mgawdija mill-kreditur;

c. Dak it-telf li jkun qed ibati l-kreditur, fil-jeddijiet, ipoteki u privileġġi, ikun seħħ minħabba l-ħtija tal-kreditur stess, u dan billi ma jkunx uża fit-termini tal-**Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili** l-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

17. L-effett tal-*eccezione di surrogazione* ġiet imfissra tajjeb fis-sentenza fl-ismijiet ***Dr Henry sive Eric Mamo noe v. John Leone Ganado***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' April, 1996, fejn ingħad:

> *«tiskatta biss jekk, minħabba xi ħija tal-kreditur, minħabba xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni da parti tiegħu, ikunu ġew ippreġudikati d-drittijiet ta' l-istess kreditur kontra d-debitur u l-propjeta' tiegħu b'mod li allura l-garanti, anké solidali, ma jkunx jista' jgawdi minn dik is-surroga li tispetta lilu bil-liġi fuq l-istess drittijiet u propjeta' tad-debitur.»*

18. Stabbilit il-premess, din il-Qorti tara illi fil-każ odjern jirriżulta illi minħabba li Pirella Supermarkets Limited ma setgħatx iżżomm mal-iskeda tal-ħlas ta' flus mogħtija lilha permezz ta' numru ta' *overdraft facilities* fuq medda ta' snin, sar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-28 ta' Jannar, 2002, fejn apparti l-Bank attur, dehru ukoll: (i) Pirella Supermarkets Ltd, rappreżentata minn Joseph Portelli, u (ii) Joseph

Portelli f'ismu proprju, kif ukoll in rappreżentanza ta' martu Doris Portelli u l-kumpanija Pirella Limited. Permezz tal-imsemmi kuntratt, Pirella Supermarkets Limited ikkostitwiet ruħha bħala debitriċi tal-Bank attur, bil-konsegwenza li ngħataw diversi ipoteki ġenerali u speċjali mid-debitriċi prinċipali, kif ukoll mill-garanti favur il-Bank. Waħda mill-ipoteki speċjali ngħatat minn Pirella Limited fuq il-fond bla numru, bl-isem Villa Pirella, Triq San Ġwann, Fgura.

19. Wara l-iffirmar ta' dan il-kuntratt jidher li ma huwiex kontestat illi saru numru ta' pagamenti versu l-imgħax, kif ukoll numru ta' negozjati bejn il-Bank u Joseph Portelli sabiex jintlaħaq ftehim dwar id-dejn pendenti. Fl-istess waqt jirriżulta ukoll li ntlaħaq arranġament dwar l-ammont li kellu jitħallas abbażi ta' skeda ta' pagamenti,[7] u dan fid-dawl tal-provi hawn isfel imsemmija:

a. L-ittra datata 14 ta' April, 2004, minn HSBC Bank Malta plc lil *Managing Director* ta' Pirella Supermarkets Limited, fejn intqal li l-Bank kien lest li jaċċetta s-somma ta' Lm880,000 bħala l-ammont finali dovut lilu minn Pirella Supermarkets Limited, bil-kundizzjoni li tali somma titħallas skont l-iskeda ta' pagamenti hemm indikata. Barra minn hekk, il-Bank jgħid ukoll:

> *«We also confirm that on/after the receipt of the frst Lm200,000 from the above mentioned payments the Bank will waive its hypothecary charges over 'Villa Pirella', St John Street, Fgura, this also provided that Pirella*

[7] Ara l-affidavit tal-Avukat Eric Mamo in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc, *a fol.* 54.

*Supermarkets Limited and guarantors give their consent for the said waiver/release»*;

b. Pagament ta' Lm100,000 fis-27 ta' April, 2005 fil-kont ta' Pirella Supermarkets Limited;

c. Kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 2005, fejn dehru: (i) il-Bank, (ii) Small Properties Limited bħala l-kljenta u/jew il-kumpanija xerrejja, u (iii) Joseph Portelli f'isem u għan-nom ta' Pirella Limited bħala l-kumpanija venditriċi, u l-kuntratt kien maqsum fi tliet (3) partijiet: (i) fis-self ta' flus lill-klijenta, (ii) il-bejgħ tal-proprjetà bla numru, bl-isem ta' Villa Pirella, Triq Sant' Elija, ġia San Ġwann, il-Fgura, versu l-prezz ta' Lm100,000, u (iii) il-kanċellement tan-noti ta' ipoteki kontra Pirella Limited, u r-riduzzjoni tan-noti ta' ipoteka kontra Pirella Supermarkets Limited u Pirella Limited;

d. Pagament ta' Lm100,000 fis-17 ta' Ġunju, 2005 fil-kont ta' Pirella Supermarkets Limited.

20. Għalhekk, huwa fatt illi Pirella Limited ma baqgħatx isservi ta' garanti għal Pirella Supermarkets Limited peress illi nħelset mill-Bank attur permezz tal-kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 2005. Però, hawn jinsab il-qofol tal-aggravju tal-appellanti, hekk kif skonthom, dan il-ħelsien jagħti lok għall-applikazzjoni tal-**Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili**, ġaladarba

skonthom huma ma jistgħux jiġu surrogati fil-jeddijiet, ipoteki u privileġġi tal-Bank, ġaladarba dan tal-aħħar ħeles lil Pirella Limited bi ħtija tiegħu u minn wara dahar il-konvenuti appellanti.

21. Wara li din il-Qorti rat: (i) il-fatti kif elenkati, u (ii) ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni b'suċċess tal-**Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili**, liema rekwiżiti jridu jiġu sodisfatti b'mod kumulattiv, hija tara li dan l-aggravju huwa wieħed fieragħ għall-aħħar.

22. Filwaqt li din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-konjuġi Portelli appellanti ntrabtu bħala garanti favur il-Bank fit-termini tal-liġi, kif ukoll li kien hemm telf fil-jeddijiet li kien qed igawdi minnhom il-Bank attur, pero' ma jirriżultax li tali telf seħħ minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u ħsieb bħala missier tajjeb tal-familja min-naħa tal-Bank. Ma hemm l-ebda dubju li l-konvenuti appellanti kienu jafu bl-intenzjoni tal-Bank li jirrilaxxa l-ipoteka mogħtija lilu minn Pirella Limited, u dan kif ser jiġi spjegat segwentament.

23. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tara illi dejjem kien Joseph Portelli li deher għall-kumpaniji Pirella Supermarkets Limited u *kif ukoll għal Pirella Limited*, u dan sempliċiment għaliex iż-żewġ kumpaniji jappartjenu lilu u lil familtu. Jiġi mfisser illi:

a. Ir-relazzjoni ta' Joseph Portelli u familtu ma' Pirella Supermarkets Limited ġiet stabbilita permezz ta' l-*Memorandum of Association* tal-kumpanija ppreżentati fl-atti, fejn huwa indikat illi d-diretturi u l-azzjonisti tal-istess kumpanija huma Joseph Portelli, martu Doris Portelli, u bintu Carmen Portelli, b'dana illi l-maġġor parti tal-ishma kienu ta' Joseph Portelli. Dan ifisser illi Joseph Portelli kellu kontroll assolut għal dak li jirrigwarda t-tmexxija ta' din il-kumpanija;

b. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tar-relazzjoni ta' Joseph Portelli u familtu ma' Pirella Limited, din ma hijiex korraborata permezz tal-*Memorandum of Association*, iżda b'mod interessanti din il-Qorti tara illi fil-*Memorandum of Association* tal-kumpanija Pirella Supermarkets Limited, l-indirizz residenzjali ta' Joseph Portelli, Doris Portelli u Carmen Portelli, ġie mniżżel bħala *«Pirella, St. John Street, Fgura»*, ossija l-proprjetà li tappartjeni lil Pirella Limited. Dan huwa indikattiv ferm illi Pirella Limited tappartjeni lil Joseph Portelli u lil familtu. Barra minn hekk, l-verżjoni tal-Avukat Dr Eric Mamo in rappreżentanza tal-Bank attur, ma ġietx kontradetta, meta dan saħaq illi Pirella Limited kienet ukoll ta' Joseph Portelli bħalma kienet Pirella Supermarkets Limited.

24. Fit-tieni lok, din il-Qorti tara illi fl-affidavit mhux ikkontestat ta' Carmen Portelli, din tal-aħħar tikkonferma illi <u>*l-affarijiet tal-kumpanija*</u>

Pirella Supermarkets Limited dejjem ħa ħsiebhom missierha Joseph Portelli. Barra minn hekk, fil-kontro-eżami tagħha, tikkonferma illi:

> «*it-tmexxija tal-kumpanija kien jieħu ħsiebha l-papa' inkluż is-supermarket. (…) Jien ma kontx noqgħod ninvestiga u nindaga dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpannija. Ma kellix ebda ħjiel dwar dan. Din kienet xi ħaġa f'idejn il-papa' u l-papa' lili qatt ma ġie jgħidli illi l-kumpannija mil-bejgħ li jsir mis-supermarket sejra ħażin. (…) Wara li rċevejna l-karti jien bdejt nipprova niskopri x'hemm u m'hemmx. Ħadt xokk meta rċevejt il-karti. Tkellimt mal-papa'. Il-papa' spjegali li kien hemm ammont ta' dejn, qalli li dan kien* **…** *qalli li wkoll suppost beda jħallashom. Qalli li kien ħallas partijiet minnhom u waqfet hemm l-istorja*» (sottolinejar ta' din il-Qorti);

25. Dan ikompli jikkonferma illi Joseph Portelli kien il-moħħ wara kull azzjoni, negozju, jew arranġament tal-kumpanija Pirella Supermarkets Limited, u l-istess fil-konfront ta' Pirella Limited. Tant hu hekk, illi Carmen Portelli stess tikkonferma li hi kienet biss direttur tal-isem. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tosserva illi fil-kuntratti kollha ppreżentati, Joseph Portelli dejjem deher f'ismu proprju kif ukoll in rappreżentanza ta' martu Doris Portelli u bintu Carmen Portelli, u dan permezz ta' prokura. Għalhekk ma hemm l-ebda dubju illi Joseph Portelli kien il-*Managing Director* li jieħu ħsieb kollox relatat mal-kumpaniji , b'mod partikolari l-finanzi.

26. Fit-tielet lok, jirriżulta ukoll illi kemm l-Avukat Eric Mamo għall-Bank attur kif ukoll Carmen Portelli jikkonfermaw li Joseph Portelli *ħallas parti mid-dejn*. Dan minnu nnifsu juri kemm Joseph Portelli kien konsapevoli ta' dak li kien qed jiġri u kien lest li jonora dak li ntrabat bih. Barra minn hekk dan jinsab ikkorraborat bil-fatt illi wara l-kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 2005, fejn il-proprjetà ġewwa l-Fgura nbiegħet lil Small Properties

Limited, sar pagament ta' Lm100,000 fil-kont ta' Pirella Supermarkets Limited. Ġaladarba ġie stabbilit li hemm konnessjoni ċara bejn il-proprjetà in kwistjoni u Joseph Portelli, għal din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju illi kien Portelli stess illi għamel dan il-pagament fil-kont ta' Pirella Supermarkets Limited.

27. Għalhekk din il-Qorti ma tarax li l-Bank attur aġixxa b'mod volontarju jew waħdu fuq ir-rilaxx tal-garanzija mogħtija minn Pirella Limited, iżda jidher ċar illi Joseph Portelli qed jittanta jaqbad mal-prinċipju tad-distinzjoni bejnu u bejn il-personalità ġuridika tal-kumpanija Pirella Limited. Madankollu, jista' jingħad illi, *dato ma non concesso* li Joseph Portelli kien qed jaġixxi u jinnegozja dan l-arranġament bejnu u l-Bank f'isem iż-żewġ kumpaniji involuti, u qatt f'ismu personali, fiċ-ċirkostanzi mhux il-każ li Joseph Portelli personalment għandu jitħalla jinħeba wara l-personalitajiet distinti ta' dawn il-kumpaniji (ara ***Av. Reno Borg noe v. Joseph Borg et noe***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2002).

28. Din il-Qorti tikkonferma illi kemm-il darba jirriżulta aġir *in mala fede* anke sempliċiment li wieħed juża l-kumpanija, li tkun taħt il-kontroll assolut tiegħu, bħala *lunga manus* biex jeludi u jaħrab mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali li jkun ntrabat bihom, ikun tabilħaqq xieraq u idoneju illi l-Qorti twarrab il-velu ta' soċjetà kummerċjali, biex b'hekk l-

istess persuna li taġixxi f'isem il-kumpanija ma tinħebiex wara l-personalità ġuridika ta' kumpanija filwaqt li xxejjen il-konsegwenzi tal-aġir tagħha, u dan anke jekk ma tkunx saret talba *ad hoc* sabiex dan isir (ara ***Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et***, deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2023).

29. In kwantu l-argument jestendi għal Doris Portelli, din il-Qorti tibda biex tara li fil-kuntratt tal-2005 li jitratta l-bejgħ tal-proprjetà ġewwa l-Fgura, il-kanċellament tan-noti ta' ipoteki kontra Pirella Limited u r-riduzzjoni tan-noti ta' ipoteka kontra Pirella Supermarkets Limited u Pirella Limited, Carmen Portelli bħala mart Joseph Portelli, fit-termini tal-**Artikolu 1322(2)**[8] **u (3)(a), u (b),**[9] **tal-Kodiċi Ċivili**, kellha l-obbligu illi tkun parti minn tali kuntratt peress li tali kuntratt jaqa' fil-parametri ta' atti ta' amministrazzjoni straordinarja li tolqot liż-żewġ konjuġi. Però, jirriżulta illi Carmen Portelli għażlet li tagħti prokura lil żewġha sabiex jaġixxi f'isimha. Dan minnu nnifsu ma joqtolx il-fatt li Carmen Portelli, kemm bħala mart Joseph Portelli, kif ukoll bħala garanti *in solidum* ta' Pirella Supermarkets Limited, ma kinitx konsapevoli ta' x'kien ser isir. Ġaladarba fit-termini tal-**Artikolu 1856 tal-Kodiċi Ċivili**, Carmen Portelli tat lil żewġha s-setgħa li jagħmel xi ħaġa f'isimha, liema setgħa ġiet aċċettata minn żewġha l-mandatarju, u l-prokura in kwistjoni ma ġietx attakata,

[8] Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien.

[9] Dawn li ġejjin huma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja: (a) atti fejn jeddijiet reali fuq beni immobbli jkunu akkwistati, maħluqa jew trasferiti; (b) atti li joħolqu jew jolqtu l-ipoteka ta' beni.

jirriżulta għalhekk illi dak kollu li din il-Qorti applikat u attribwiet lil Joseph Portelli għandu japplika ukoll fil-konfront ta' martu Carmen, li f'isimha huwa aġixxa.

30. Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-involviment ta' Carmen Portelli fit-tmexxija u n-negozjati tal-kumpanija kienu ugwali għal dawk ta' bintha Carmen Portelli. Dan ikompli jikkonferma għaliex hija u bintha, qatt kienu preżenti fil-kuntratti mal-Bank iżda ġew dejjem rappreżentati minn Joseph Portelli.

31. Għalhekk, din il-Qorti tara li r-raġunament tal-Ewwel Qorti kien tabilħaqq korrett u b'hekk l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

32. <u>Fir-rigward tat-tieni aggravju</u>, l-appellanti jikkontendu illi fil-każ odjern kellu ukoll japplika l-**Artikolu 1960 tal-Kodiċi Ċivili** li jistipula *«Jekk il-kreditur jeħles wieħed mill-garanti tiegħu mingħajr il-kunsens tal-oħrajn, dan il-ħelsien jiswa lill-garanti l-oħra sas-sehem tal-garanti li jkun ġie hekk meħlus».* Fil-fehma tal-appellanti, ġaladarba huma kellhom id-dritt ta' rigress kontra l-kogaranti Pirella Limited, il-Bank attur kellu jirrispetta l-**Artikolu 1960**.

33. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tara illi irrespettivament mid-dritt ta' rigress li jsostnu dwaru l-appellanti, sabiex japplika dan l-artikolu tal-liġi

*«tabilfors irid jirriżulta li l-ħelsien ta' wieħed mill-garanti min-naħa tal-kreditur jkun sar mingħajr il-kunsens tal-garanti l-oħrajn jew minn wara daharhom. Fi kliem ieħor, l-applikazzjoni u l-effetti tal-imsemmi artikolu jiddependu mill-fatt tan-nuqqas ta' rieda tal-garanti mhux meħlusa»* (ara ***Pasqualino Grech et v. Bank of Valletta plc***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 2007).

34. Din il-Qorti tara li ma għandha xejn xi żżid ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti f'dan il-kuntest, u dan fid-dawl li din il-Qorti kkonfermat illi r-rilaxx tal-garanzija sar bil-kunsens tal-konjuġi Portelli, *qua* appellanti. B'hekk dan l-aggravju qed jiġi ukoll miċħud.

35. <u>Fir-rigward tat-tielet aggravju</u>, l-appellanti jsostnu illi l-preskrizzjoni fit-termini tal-**Artikolu 2156(d) tal-Kodiċi Ċivili** ma ġietx interrotta. Dan l-artikolu tal-liġi jipprovdi li *«l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom mehuda b'self jew taħt titolu ieħor»*, jaqgħu bi preskrizzjoni ta' ħames snin.

36. Jidher li l-Ewwel Qorti bbażat il-konklużjoni tagħha li l-preskrizzjoni ġiet tabilħaqq interrotta permezz ta': (i) pagament ta' €20,000 li sar fl-4 ta' Diċembru, 2009, u (ii) ittra uffiċjali ppreżentata kontra l-konjuġi Portelli datata 18 ta' Mejju, 2010 u notifikata lilhom fl-24 ta' Mejju, 2010. Madankollu, l-appellanti qed jikkontendu illi fir-rigward tal-pagament tal-4

ta' Diċembru, 2009, ma saret l-ebda prova mill-Bank attur dwar min għamel dan il-pagament, jekk hux id-debitriċi prinċipali jew wieħed mid-diversi garanti li kienu jeżistu minn żmien għal żmien. L-appellanti jgħidu illi sabiex tiġi interrotta l-preskrizzjoni l-ħlas kellu jsir mid-debitur prinċipali.

37. Min-naħa l-oħra, il-Bank appellat jgħid illi saru diversi ħlasijiet, kollha favur l-imgħax, filwaqt li jagħmel referenza għall-**Artikolu 1100, 2134 u 2135 tal-Kodiċi Ċivili**. Finalment jisħaq illi ma hemm l-ebda dubju li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u rrikonoximent seħħew fir-rigward tad-debitur prinċipali, ossija Pirella Supermarkets Limited għaliex il-ħlasijiet tnaqqsu mill-kont tagħha.

38. F'dan il-kuntest, jibda sabiex jingħad illi *«jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiżiti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti»* (ara ***Austin Psaila v. Lother Slabick***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fid-9 ta' Frar, 2005). Għalhekk, huwa minnu dak li qed jisħqu dwaru l-appellanti, illi huwa l-obbligu tal-Bank appellat illi jressaq din il-prova. Fil-fatt, il-Bank jistrieħ fuq numru ta' *bank statements* li huwa ppreżenta, kif ukoll prospett tal-ħlasijiet li saru fil-kont ta' Pirella Supermarkets Limited.

39. Stabbilita l-prova tal-Bank appellat fir-rigward tal-preskrizzjoni mqajma mill-konjuġi Portelli, din il-Qorti ser titfa' ħarsitha lejn l-iktar dispożiżżjonijiet tal-liġi relevanti fiċ-ċirkostanzi.

40. **Artikolu 2133** u **2134 tal-Kodiċi Ċivili** jistipulaw hekk, rispettivament:

> *«Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja»*
>
> *«Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih»*

F'dan il-każ sabiex tinkiser il-preskrizzjoni d-debitur jew il-pussessur, irid jagħraf il-jedd in kwistjoni permezz ta' <u>dikjarazzjoni espliċita jew kwalsiasi fatt ieħor li jimplika ammissjoni tal-eżistenza tad-dritt</u>, bħal *inter alia*, ħlas akkont mid-debitur stess jew xi ħadd f'ismu (**Artikolu 2134 tal-Kodiċi Ċivili**). Għandu jingħad illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt sabiex tiġi interrota l-preskrizzjoni irid ikun *«konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`»*. Però l-indaġini biex tiġi stabbilita jekk ċertu fatt jammontax għall-għarfien ta' dejn jidħol fil-qafas tal-poter diskrezzjonali tal-ġudikant. (ara ***Austin Psaila v. Lother Slabick***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2005;[10] ***Avantgarde Projects Limited v. Inspirations Limited***,

[10] *«Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-preċitat **Artikolu 2133** jestrinsika ruħu jew permezz ta' xi <u>dikjarazzjoni espliċita jew bi kwalsiasi fatt ieħor li jimplika l-ammissjoni ta' l-eżistenza tad-dritt</u>. Ad exemplum, il-wegħda tal-ħlas, talba għad-dilazzjoni tal-pagament, <u>il-ħlas akkont</u> (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;»*

deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri fit-18 ta' Lulju, 2022; ***Joseph Deguara v. Marco Deguara et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023; ***Elnara Shorazova noe v. Av. Pio M. Valletta***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

41. **Artikolu 2135 tal-Kodiċi Ċivili** jistipula:

> *«It-tagħrif tad-dejn mid-debitur prinċipali, jew kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni kontra dan id-debitur prinċipali, jiswa wkoll bħala ksur tal-preskrizzjoni kontra l-garanti, bla ħsara, meta l-garanti jkun intrabat in solidum mad-debitur prinċipali, tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1100 u 1101»*

Għalhekk, f'każ li l-preskrizzjoni tinkiser fit-termini tal-**Artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili** minħabba għarfien tad-dejn mid-debitur prinċipali, tali preskrizzjoni tkun ukoll ġiet interrotta kontra l-garanti u dan meta jkun intrabat *in solidum* mad-debitur fit-termini tal-**Artikolu 1100** u **1101 tal-Kodiċi Ċivili**.

42. **Artikolu 1100 tal-Kodiċi Ċivili** jistipula:

> *«L-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mid-debituri in solidum, u kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni għall-wieħed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra u għall-werrieta tagħhom»*

Dan ifisser kull dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' dejn li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed mid-debituri, ikun *ipso jure* qed jikser il-preskrizzjoni għad-debitur *in solidum* ukoll (ara ***Ian Pace v. Alexander Valenzia et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2023).

Madankollu, anké f'każ li kwalunkwe preskrizzjoni li tkun laħqet iddekorriet sa tali rikonoxximent u aċċettazzjoni ta' dejn, tali preskrizzjoni tkun ġiet rinunzjata mid-debitur stess (ara ***Joseph Abela v. Francis Cassar et noe***, deċiż mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar, 2002; ***Epifanio Azzopardi et v. Jesmond Mangion et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fil-15 ta' Ottubru, 2018).

43. Fil-każ odjern u ġaladarba din il-Qorti kkonfermat illi l-kumpaniji Pirella Supermarkets Limited u Pirella Limited jappartjenu lil Joseph Portelli, ma hemm l-ebda dubju li l-pagament tal-4 ta' Diċembru, 2009 sar minn Joseph Portelli, kif ikkonfermat minn bintu stess fil-kontro-eżami tagħha. Barra minn hekk, din il-Qorti tara ukoll illi kien hemm konferma ta' ħlas fl-ittra responsiva konġunta ta' Pirella Supermarkets Limited, Joseph Portelli u Doris Portelli datata 7 ta' Lulju, 2010, għall-ittri uffiċjali mibgħuta mill-Bank attur fit-18 ta' Mejju, 2010. Minkejja dan, u fi kwalunkwe każ, jiġi ripetut illi rrespettivament jekk tali ħlas sarx minn Joseph Portelli f'ismu personali jew f'isem il-kumpanija Pirella Supermarkets Limited, jidher ċar li l-ħlas sar u għalhekk il-konjuġi Portelli f'tali ċirkostanzi ma jistgħux jistaħbew wara l-personalità ġuridika tal-kumpanija sabiex b'*mala fede* f'dan l-istadju jqajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-preskrizzjoni ġiet interrotta.

44. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti tara illi wkoll kieku għall-grazzja tal-argument tittieħed in konsiderazzjoni l-pożizzjoni tal-konvenuti appellanti fis-sens illi l-preskrizzjoni ma ġietx interrotta, xorta waħda jibqa' l-fatt illi mill-atti jirriżulta illi l-preskrizzjoni ġiet rinunzjata. Dan jingħad fid-dawl tal-fatt li Carmen Portelli, li hija direttur tal-kumpanija debitriċi, kemm fl-affidavit kif ukoll fil-kontro-eżami tagħha tal-2015, iddikjarat u rrikonoxxiet id-dejn tal-istess kumpanija:

> *«Illi jien niddikjara li kull ftehim li sar b'rabta mad-dejn tal-kumpanija Pirella Supermarkets Limited sar ad insaputa tiegħi, u mingħajr l-involviment tiegħi»*;
>
> *«Illi jiena ma nistgħax nifhem kif id-dejn tal-kumpanija Pirella Supermarkets Limited tħalla jikber sa l-ammonti msemmija fl-att promotur ta' din il-kawża, u nitlob spjegazzjoni dwar dan minngħand il-Bank attur»*;
>
> *«Sirt naf bid-dejn tal-kumpanija meta rċevejna l-karti»*;
>
> *«Wara li rċevejna l-karti jien bdejt nipprova niskopri x'hemm u m'hemmx. Ħadt xokk meta rċevejt il-karti. Tkellimt mal-papa'. Il-papa' spjegali li kien hemm ammont ta' dejn, qalli dan kien… qalli wkoll li suppost beda jħallashom. Qalli li kien ħallas partijiet minnhom.»*

45. Għalhekk, iddur minn fejn iddur, jirriżulta b'mod ċar illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tintlaqa' b'suċċess, bil-konsegwenza li dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

46. Fir-rigward tar-raba' u l-aħħar aggravju, l-appellanti jilmentaw illi ma kienx hemm il-ħtieġa għal din l-azzjoni ġaladarba l-Bank attur kellu f'idejh titolu eżekuttiv fil-konfront tagħhom u għalhekk huma tal-fehma li ma għandhomx jiġu akkollati l-ispejjeż tal-kawża. L-appellanti jsostnu illi l-

Bank attur kellu jmexxi fit-termini tal-**Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u f'każ li huma kien ikollhom xi oppożizzjoni kien jispetta lilhom sabiex jaraw kif jipproċedu skont dak konċess lilhom fit-termini tal-liġi.

47. Min-naħa l-oħra, il-Bank attur jispjega illi huwa pproċeda b'kawża kontra l-konvenuti peress li:

a. Il-konvenuti kkontestaw l-ammont mitlub minnhom permezz tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Mejju, 2010;

b. Meta l-Bank pproċeda kontra l-kumpanija debitriċi Pirella Supermarkets Limited biex irendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv fit-termini tal-**Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-kumpanija rappreżentata minn Joseph Portelli qajmet diversi kontestazzjonijiet;

c. Skont il-ġurisprudenza, f'każ li d-debitur ikun ingħata żmien sabiex iħallas, il-kreditur għandu bżonn dikjarazzjoni li d-debitur iddekada mill-allegat benefiċċju tat-terminu mogħti lilu għall-ħlas;

d. Il-ġurisprudenza hija kunfliġġenti rigward l-għeluq taż-żmien għall-eżekuzzjoni ta' titolu eżekutiv fit-termini tal-**Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

48. Jidher illi l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni illi għalkemm ma kellha l-ebda dubju dwar il-fatt li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu huwa titolu eżekuttiv, din il-kawża kienet meħtieġa minħabba li l-konvenuti qed jikkontestaw li huma debituri tal-bank u kif ukoll minħabba numru ta' eċċezzjonjiet oħra li tqajmu mill-konvenuti fit-tweġiba maħlufa tagħhom li skontha kellhom jiġu sindakati mill-Qorti.

49. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti. Għalkemm il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu jagħti jedd lil kreditur jitlob li jinħargu mandati eżekuttivi in esekuzzjoni tat-titolu, b'daqshekk mhux miżmum milli jitlob lil Qorti sabiex tikkonferma t-titolu eżekuttiv tiegħu permezz ta' gudikat speċjalment f'każ bħal dan meta kien ċar mill-bidu li dan it-titolu kien kontestat mid-debituri u l-garanti.

50. Għalhekk, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravju tal-konjuġi Portelli.

**Deċide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru, 2016.

L-ispejjeż tal-appell ta’ Carmen Portelli għandhom jitħallsu mill-istess Carmen Portelli, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell tal-konjugi Portelli jitħallsu mill-istess konjugi Portelli.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da